# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 186

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

**Volum 59**

**25 ta' Mejju 2016**


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2016/C 186/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7772 — Western Digital/Sandisk) ([1]) ...... 1


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2016/C 186/02 Rata tal-kambju tal-euro ........ 2


**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**


2016/C 186/03 Rapport Speċjali Nru 8/2016 — "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba" ........ 3


MT

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

2016/C 186/04 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni Preliminari tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni personali li għandha x'taqsam mal-prevenzjoni, mal-investigazzjoni, mal-kxif u mal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ........ 4

2016/C 186/05 Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar ir-Rekords Kriminali (ECRIS, European Criminal Records Information System) ........ 7

2016/C 186/06 Sommarju Eżekuttiv tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Regolament propost dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta ........ 10

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 186/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8024 — NTT Data International/IT Services Business of Dell) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ........ 13

2016/C 186/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8048 — Ardagh/Ball Rexam Divestment Business) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) ........ 14

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2016/C 186/09 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 15

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7772 — Western Digital/Sandisk)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 186/01)

Fl-4 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7772. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**L-24 ta' Mejju 2016**

(2016/C 186/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1168 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4684 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 122,56 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,6743 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4365 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6604 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,76513 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5445 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,3060 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 329,32 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,1079 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,4501 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,3226 |
| NOK | Krona Norveġiża | 9,3355 | HRK | Kuna Kroata | 7,4950 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 278,26 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,025 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5959 |
| HUF | Forint Ungeriż | 316,00 | PHP | Peso Filippin | 52,267 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4358 | RUB | Rouble Russu | 74,4262 |
| RON | Leu Rumen | 4,5083 | THB | Baht Tajlandiż | 39,914 |
| TRY | Lira Turka | 3,3035 | BRL | Real Brażiljan | 3,9639 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5597 | MXN | Peso Messikan | 20,5852 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 75,5780 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

**Rapport Speċjali Nru 8/2016**

**"It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba"**

(2016/C 186/03)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri b'dan tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 8/2016 "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mis-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://eca.europa.eu jew mill-EU Bookshop: https://bookshop.europa.eu

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni Preliminari tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-informazzjoni personali li għandha x'taqsam mal-prevenzjoni, mal-investigazzjoni, mal-kxif u mal-prosekuzzjoni ta' reati kriminali**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD www.edps.europa.eu)*

(2016/C 186/04)

Din l-Opinjoni tibni fuq l-obbligu ġenerali li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u r-rispett għad-drittijiet fundamentali li jinsab fil-qalba tal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-valutazzjoni hija magħmula b'tali mod li tanalizza l-konformità tal-kontenut tal-Ftehim Komprensiv (Umbrella Agreement) mal-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 16 TFUE sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data* personali.

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità hija għan politiku leġittimu, u l-kooperazzjoni internazzjonali inkluż l-iskambju tal-informazzjoni saru iktar importanti minn qatt qabel. S'issa, l-UE kienet nieqsa minn qafas komuni robust f'dan il-qasam u għalhekk m'hemm l-ebda salvagwardja konsistenti għad-drittijiet u għal-liberatajiet fundamentali tal-individiwi. Kif il-KEPD ilu jargumenta, l-UE teħtieġ arranġamenti sostenibbli għall-kondiviżjoni tad-*data* personali ma' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, kompatibbli b'mod sħiħ mat-Trattati tal-UE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Għalhekk, aħna nilqgħu u nappoġġaw b'mod attiv l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tilħaq l-ewwel "Ftehim Komprensiv", mal-Istati Uniti. Dan il-ftehim internazzjonali ta' infurzar tal-liġi jimmira li jistabbilixxi għall-ewwel darba, il-protezzjoni tad-*data* bħala l-bażi għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Filwaqt li aħna nirrikonoxxu li mhuwiex possibbli li jiġu replikati għal kollox it-terminoloġija u d-definizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fi ftehim ma' pajjiż terz, is-salvagwardji għall-individwi għandhom ikunu ċari u effettivi sabiex jikkonformaw kompletament mal-liġi primarja tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea f'dawn l-aħħar snin, affermat prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* inklużi l-korrettezza, l-eżattezza u r-rilevanza tal-informazzjoni, is-sorveljanza indipendenti u d-drittijiet individawli tal-individwi. Dawn il-prinċipji huma rilevanti għall-korpi pubbliċi daqskemm huma għall-kumpaniji privati, irrispettivament minn kwalunkwe sejba ta' adegwatezza formali tal-UE fir-rigward tas-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* tal-pajjiżi terzi; fil-fatt dawn isiru dejjem iktar importanti meta titqies is-sensittività tad-*data* meħtieġa għal investigazzjoni kriminali.

Din l-Opinjoni timmira li tipprovdi parir kostruttiv u oġġettiv lill-istituzzjonijiet tal-UE waqt li l-Kummissjoni tiffinalizza dan il-kompitu delikat, b'ramifikazzjonijiet wesgħin, mhux biss għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi UE-US iżda wkoll għal ftehimiet internazzjonali futuri. Il-"Ftehim Komprensiv" huwa separat minn iżda għandu jiġi kkunsidrat flimkien mat-"Tarka tal-Privatezza" (Privacy Shield) tal-UE-US imħabbra reċentament dwar it-trasferiment ta' informazzjoni personali fl-ambjent kummerċjali. Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar konsiderazzjonijiet biex tiġi analizzata l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ strumenti u r-riforma tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE.

Qabel ma l-Ftehim jiġi sottomess għall-kunsens tal-Parlament, aħna nħeġġu lill-Partijiet biex jikkunsidraw b'attenzjoni l-iżviluppi sinifikanti minn Settembru li għadda, meta indikaw l-intenzjoni tagħhom li jikkonkludu l-Ftehim ladarba jgħaddi l-Att ta' Rimedju Ġudizzjarju. Ħafna salvagwardji diġà previsti huma milqugħin, iżda għandhom jiġu msaħħa, anki fid-dwal tas-sentenza ta' *Schrems* f'Ottubru li invalidat id-Deċiżjoni ta' Port Salv u l-ftehim politiku tal-UE dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-*data* f'Diċembru, li tkopri t-trasferimenti u l-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizja.

Il-KEPD identifika tliet titjibiet essenzjali li hu jirrakomanda għat-test sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta u mal-Artikolu 16 tat-Trattat:

— kjarifika li s-salvagwardji kollha japplikaw għall-individwi kollha, mhux biss għaċ-ċittadini tal-UE;

— żgurar li d-dispożizzjonijiet ta' rimedju ġudizzjarju huma effettivi fis-sens tal-Karta;

— kjarifika li t-trasferimenti ta' *data* sensittiva f'lott mhumiex awtorizzati.

L-Opinjoni toffri rakkomandazzjonijiet addizzjonali għall-kjarifika tas-salvagwardji previsti permezz ta' dokument ta' spjegazzjoni ta' appoġġ. Aħna nibqgħu għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet għal aktar pariri u djalogu dwar din il-kwistjoni.

## I. Kuntest tal-Ftehim inizjalat

1. Fit-3 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tifaħ negozjati fuq Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Uniti tal-Amerika (US) dwar il-protezzjoni ta' *data* personali meta tiġi ttrasferita u pproċessata għall-iskop tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' offiżi kriminali, inkluż it-terroriżmu, fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali (minn hawn 'il quddiem: il-"Ftehim") ([1]).

2. In-negozjati bejn il-Kummissjoni u l-Istati Uniti bdew uffiċjalment fid-29 ta' Marzu 2011 ([2]). Fil-25 ta' Ġunju 2014, l-Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti ħabbar li sejra tittieħed azzjoni leġiżlattiva sabiex tipprevedi rimedju ġudizzjajru dwar id-drittijiet ta' privatezza fl-Istati Uniti għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea ([3]). Wara bosta rawnds ta' negozjati, li kienu estiżi fuq perjodu ta' 4 snin, il-Ftehim ġie inizjalat fit-8 ta' Settembru 2015. Skont il-Kummissjoni, l-għan huwa li l-Ftehim jiġi ffirmat u konkluż b'mod formali biss wara li jiġi adottat l-Att ta' Rimedju Ġudizzjajru tal-Istati Uniti ([4]).

3. Il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-kunsens tiegħu għat-test inizjalat tal-Ftehim, waqt li l-Kunsill għandu jiffirmah. Sakemm dan ma jkunx sar u l-Ftehim ma jkunx ġie ffirmat b'mod formali, aħna ninnotaw li n-negozjati jistgħu jerġgħu jinfetħu fuq punti speċifiċi. Huwa f'dan il-Kuntest li l-KEPD joħroġ din l-opinjoni, skont it-test tal-Ftehim inizjalat ippubblikat fuq is-sit web tal-Kummissjoni ([5]). Din hija Opinjoni preliminari bbażata fuq l-ewwel analiżi ta' test legali kumpless u mingħajr preġudizzju għal kull rakkomandazzjoni addizzjonali li għandha ssir fuq il-bażi ta' aktar informazzjoni disponibbli, inklużi żviluppi leġiżlattivi fl-Istati Uniti bħall-adozzjoni tal-Att ta' Rimedju Ġudizzjajru. Il-KEPS identifika tliet punti essenzjali li jeħtieġu titjib u jenfasizza wkoll aspetti oħrajn fejn huma rakkomandati kjarifiki importanti. B'dan it-titjib, il-Ftehim jista' jiġi kkunsidrat konformi mad-dritt tal-Unjoni primarju.

## V. Konklużjonijiet

53. Il-KEPD jilqa' l-intenzjoni li jipprovdi għal strument vinkolanti legalment li jimmira li jiżgura livell għoli tal-protezzjoni tad-*data* għad-*data* personali trasferita bejn l-UE u l-US għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' kxif jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inkluż it-terrożimu.

54. Ħafna mid-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Ftehim jimmiraw li jikkorrispondu b'mod sħiħ jew parzjali mal-garanziji essenzjali tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali fl-UE (bħad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, sorveljanza indipendenti u d-dritt għal reviżjoni ġudizzjarja).

55. Għalkemm li l-Ftehim ma jikkostitwixxix b'mod tekniku deċiżjoni tas-sejba ta' adegwatezza, dan joħloq preżunzjoni ġenerali ta' konformità għal trasferimenti bbażati fuq bażi legali speċifika, fil-qafas tal-Ftehim. Għalhekk, huwa kruċjali li jiġi żgurat li din il-"preżunzjoni" tiġi msaħħa bis-salvagwardji kollha meħtieġa fi ħdan it-test tal-Ftehim, sabiex jiġi evitat kwalunkwe ksur tal-Karta, b'mod partikolari tal-Artikoli 7, 8 u 47.

56. Hemm tliet titjibiet essenzjali li l-KEPD jirrakkomanda għat-test sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta u mal-Artikolu 16 TFUE:

(1) kjarifika li s-salvagwardji kollha japplikaw għall-individwi kollha, mhux biss għaċ-ċittadini tal-UE;

(2) żgurar li d-dispożizzjonijiet ta' rimedju ġudizzjarju huma effettivi fis-sens tal-Karta;

(3) kjarifika li t-trasferimenti ta' *data* sensittiva f'lott mhumiex awtorizzati.

---

([1]) Ara MEMO 10/1661 tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikata fit-3 ta' Diċembru 2010, disponibbli hawnhekk: http://europa.eu/rapid/press-release_IP-10-1661_en.htm

([2]) Ara MEMO 11/203 tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikata fid-29 ta' Marzu 2011, disponibbli hawnhekk: http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-11-203_en.htm

([3]) Ara l-istqarrija għall-Istampa 14-668 tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, ippubblikata fil-25 ta' Ġunju 2014, disponibbli hawnhekk: http://www.justice.gov/opa/pr/attorney-general-holder-pledges-support-legislation-provide-eu-citizens-judicial-redress

([4]) Ara MEMO 15/5612 tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikata fit-8 ta' Settembru 2015, disponibbli hawnhekk: http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-15-5612_en.htm

([5]) Test disponibbli hawnhekk: http://ec.europa.eu/justice/data-protection/files/dp-umbrella-agreement_en.pdf

57. Barra minn hekk, għall-finijiet taċ-ċertezza legali, il-KEPD jirrakkomanda li t-tijib jew il-kjarifiki li ġejjin jiġu introdotti fit-test tal-Ftehim jew fi ħdan id-dikjarazzjonijiet ta' spjega li għandhom ikunu mehmużin mal-Ftehim, jew fil-fażi ta' implimentazzjoni tal-Ftehim, kif spjegat fi ħdan din l-Opinjoni:

(1) li l-Artikolu 5(3) għandu jiġi interpretat bħala li jirrispetta r-rwol tal-awtoritajiet superviżorji sabiex ikun konformi mal-Artikolu 8(3) tal-Karta;

(2) li l-bażijiet legali speċifiċi għat-trasferimenti (l-Artikolu 5(1)) għandhom jikkonformaw kompletament mas-salvagwardji pprovduti fil-Ftehim u li, fil-każ ta' dispożizzjonijiet kunfliġġenti bejn bażi legali speċifika u l-Ftehim, dan tal-aħħar jipprevali;

(3) li fil-każ ta' protezzjoni ineffettiva għad-*data* trasferita lill-awtoritajiet f'livell tal-Istat, il-miżuri rilevanti skont l-Artikolu 14(2) sejrin jinkludu, fejn meħtieġ, miżuri dwar id-*data* diġà kondiviża;

(4) li d-definizzjonijiet tal-operazzjonijiet ta' pproċessar u informazzjoni personali (Artikolu 2) huma allinjati biex ikunu konformi mal-fehim stabbilit sew tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni; f'każ li l-Partijiet ma jallinjawx b'mod sħiħ dawn id-definizzjonijiet, għandha ssir kjarifika fid-dokumenti ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-Ftehim li l-applikazzjoni taż-żewġ kunċetti mhux se tkun differenti fis-sustanza mill-fehim tagħhom tal-liġi tal-Unjoni;

(5) li lista indikattiva tal-"kundizzjonijiet speċifiċi" fejn id-*data* hija trasferita fi kwantitajiet kbar (l-Artikolu 7(3)) tista' tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni;

(6) li l-Partijiet għandhom l-intenzjoni li japplikaw id-dispożizzjonijiet rigward notifiki ta' ksur ta' informazzjoni (l-Artikolu 10) bil-għan li jillimitaw kemm jista' jkun l-ommissjoni tan-notifiki, fuq naħa, u biex jevitaw dewmien eċċessiv tan-notifiki;

(7) li d-dispożizzjoni taż-żamma tad-*data* fl-Artikolu 12(1) hija kkumplimentata mill-ispeċifikazzjoni *"għall-għanijiet speċifiċi li għalihom ġew trasferiti"*, fid-dawl tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-għan invokat mill-Partijiet fil-Ftehim;

(8) li l-Partijiet tal-Ftehim jikkunsidraw li jżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li r-restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess huma limitati għal dak li huwa indispensabbli biex jiġu ppriservati l-interessi pubbliċi enumerati u biex jiġi msaħħaħ l-obbligu għat-trasparenza;

(9) li dikjarazzjoni spjegattiva dettaljata għall-Ftehim speċifikament telenka (l-Artikolu 21):

— l-awtoritajiet superviżorji li għandhom il-kompetenza f'din il-kwistjoni u l-mekkaniżmu għall-Partijiet biex jgħarrfu lil xulxin dwar il-bidliet futuri;

— il-poteri effettivi li jistgħu jeżerċitaw;

— l-identità u d-dettalji tal-punti ta' kuntatt li sejrin jassistu fl-identifikazzjoni tal-korp ta' sorveljanza kompetenti (ara l-Artikolu 22(2)).

58. Fl-aħħarnett, il-KEPD ifakkar il-ħtieġa li kwalunkwe interpretazzjoni, applikazzjoni u miżura ta' implimentazzjoni tal-Ftehim għandha ssir, fil-każ ta' nuqqas ta' ċarezza u kunflitt apparenti tad-dispożizzjonijiet, b'mod kompatibbli mal-prinċipji konstituzzjonali tal-UE b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 16 TFUE u l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, irrispettivament mit-titjib milqugħ li għandu jiġi ppreżentat wara r-rakkomandazzjonijiet ta' din l-Opinjoni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2016.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data

**Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar ir-Rekords Kriminali (ECRIS, European Criminal Records Information System)**

*[It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu]*

(2016/C 186/05)

L-estensjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali fl-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN, third country national) fl-ECRIS (Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar ir-Rekords Kriminali) kienet prevista għal żmien twil mil-leġiżlatur tal-UE. Il-Proposta biex l-ECRIS tiġi estiża għat-TCN ġiet aċċelerata mill-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà, li rrikonoxxiet li l-ECRIS "ma taħdimx b'mod effettiv għal persuni li mhumiex ċittadini tal-UE kkundannati fl-UE".

Il-qafas tal-ECRIS attwalment juża ċ-ċittadinanza tal-Istat Membru ta' persuni li nstabu ħatja bħala punt ċentrali fl-iskambju ta' informazzjoni. Huwa għalhekk li l-ħolqien ta' sistema parallela hija ġġustifikata għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni għażlet li timplimenta l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sistema deċentralizzata, permezz tal-użu ta' filtru indiċi għal kull Stat Membru parteċipant. Il-filtru indiċi sejjer jiġi aġġornat b'informazzjoni speċifika kull darba li ċittadin ta' pajjiż terz jinstab ħati u jintbagħat fl-Istati Membri l-oħrajn.

Il-KEPD analizza bir-reqqa l-Proposta leġiżlattiva u ressaq rakkomandazzjonijiet bil-għan li jassisti l-leġiżlatur u jiżgura li l-miżuri l-ġodda jkunu konformi mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Filwaqt li l-KEPD jilqa' l-proposta dwar sistema deċentralizzata tal-UE għall-ipproċessar tad-dejta relatata ma' rekords kriminali tat-TCN, ibbażata fuq element ta' tiftix "hit/no hit" u bl-użu ta' miżuri tekniċi maħsuba biex jillimtaw l-interferenzi fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-dejta personali, il-KEPD iqajjem tliet kwistjonijiet ewlenin u rakkomandazzjonijiet addizzjonali oħrajn, li huma deskritti f'aktar dettall fl-Opinjoni.

L-ewwel nett, għandha tiġi stabbilita sistema korrispondenti għat-TCN bħal dik eżistenti għaċ-ċittadini tal-UE dwar l-ipproċessar tal-marki tas-swaba', li tqis l-ispeċifiċità tas-sistemi kriminali nazzjonali, u b'hekk tissodisfa r-rekwiżiti ta' neċessità u proporzjonalità tal-ipproċessar tad-dejta personali.

It-tieni, it-test tal-Proposta jirreferi b'mod impreċiż għall-informazzjoni fil-filtru indiċi bħala li hija "anonima". Il-KEPD jirrakkomanda l-kjarifika li l-informazzjoni pproċessata għall-finijiet ta' ECRIS-TCN tkun dejta personali, li tkun għaddiet minn proċess ta' psewdonimizzazzjoni u mhux dejta anonima.

It-tielet, il-KEPD iqis li l-ħolqien ta' tip differenti ta' sistema għall-ipproċessar tad-dejta għaċ-ċittadini tal-UE li għandhom ċittadinanza ta' pajjiż terz minbarra dik stabbilita għaċ-ċittadini tal-UE ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' neċessità fil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta u jista' jwassal għal diskriminazzjoni. Għalhekk, il-KEPD jirrakkomanda li l-miżuri fil-Proposta jirreferu biss għat-TCN u mhux anki għaċ-ċittadini tal-UE li għandhom ukoll ċittadinanza ta' pajjiż terz.

## I. INTRODUZZJONI U SFOND

### I.1. Konsulatazzjoni tal-KEPD

1. Fid-19 ta' Jannar 2016 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, fir-rigward l-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI [1] ("il-Proposta"). Il-KEPD ġie kkonsultat b'mod informali qabel il-pubblikazzjoni tal-Proposta. Madankollu, il-KEPD jiddispjaċih li ma rċeviex talba għal Opinjoni wara l-pubblikazzjoni tal-Proposta.

[1] COM(2016) 7 finali, 2016/0002 (COD), Strasburgu, id-19 ta' Jannar 2016.

### I.2. Objettiv tal-Proposta

2. L-ECRIS hija sistema elettronika għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kundanni preċedenti mogħtija kontra persuna speċifika mill-qrati kriminali fl-UE għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali kontra persuna, u, jekk il-liġi nazzjonali tippermetti dan, għal skopijiet oħrajn. Is-sistema hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI ([1]) ("id-Deċiżjoni Qafas") u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI ([2]).

3. Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-Proposta, il-prinċipju sottostanti tal-ECRIS huwa li tista' tinkiseb informazzjoni sħiħa dwar kundanni preċedenti ta' ċittadin tal-UE mill-Istat Membru li din il-persuna għandha ċ-ċittadinanza tiegħu, li fuq talba jista' jipprovdi informazzjoni aġġornata eżawrjenti dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tiegħu, irrispettivament minn fejn ingħataw il-kundanni tal-UE. Bħalissa din l-arkitettura tagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet biex jiskambjaw informazzjoni dwar kundanni li jirrigwardaw ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (minn hawn 'il quddiem: TCN) permezz tal-ECRIS, billi t-"TCN m'għandhom l-ebda ċittadinanza ta' Stat Membru", u "biex tinkiseb ħarsa ġenerali kompluta tal-istorja tar-rekords kriminali ta' individwu partikolari, it-talbiet iridu jintbagħtu lill-Istat(i) Membru/i kollha li joħorġu kundanna" ([3]).

4. Għalhekk, l-objettiv tal-Proposta huwa li titjieb l-effiċjenza tal-ECRIS fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali tat-TCN.

5. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jiddeskrivi s-sistema li ntgħażlet biex jinkiseb dan l-objettiv. Is-sistema sejra tiġi organizzata b'mod deċentralizzat, jiġifieri ma jkunx hemm bażi ta' dejta unika li tinkludi l-informazzjoni rilevanti, iżda kull Stat Membru ser ikollu fajl tad-dejta. L-Istati Membri sejrin ikollhom joħorġu d-dejta tal-identità mir-rekord kriminali tagħhom u jitfgħuha f'fajl separat — "il-filtru indiċi", kull meta TCN jinstab ħati. Id-dejta sejra tiġi kkonvertita f'"locks u keys". Il-filtru indiċi sejjer jitqassam lill-Istati Membri kollha, u dan jippermettilhom ifittxu b'mod indipendenti fil-bini tagħhom stess. Is-sistema sejra tippermetti lill-Istati Membri jqabblu d-dejta tagħhom stess mal-fajl u jiskopru jekk jeżistux entrati oħra fir-rekords kriminali fi Stati Membri oħrajn (sistema "hit/no hit").

## II. KONKLUŻJONI

37. Kif diġà ntqal fl-Opinjoni tal-KEPD 2006 dwar il-Proposta tal-ECRIS, "għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, jista' jkun hemm bżonn ta' sistema alternattiva", peress li "għal raġunijiet ovvji, is-sistema pproponuta ma tistax taħdem f'dawk il-każijiet" ([4]). Għalhekk nilqgħu l-Proposta attwali u nirrikonoxxu l-importanza ta' skambju effiċjenti ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali ta' persuni li nstabu ħatja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-adozzjoni tal-Aġenda tal-UE dwar is-Sigurtà ([5]).

38. Wara li analizza l-Proposta bir-reqqa, il-KEPD iressaq ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, sabiex jiżgura konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta:

1) Fir-rigward tal-użu obbligatorju tal-marki tas-swaba' għat-TCN, għandha tinħoloq sistema korrispondenti għat-TCN bħal dik li teżisti għaċ-ċittadini tal-UE, f'konformità mar-regoli eżistenti dwar il-ġbir tal-marki tas-swaba' fil-livell nazzjonali;

2) Ir-referenzi għal dejta anonima għandhom jitneħħew mill-Proposta u ssostitwiti b'referenzi preċiżi għall-proċess tal-psewdonimizzazzjoni;

3) Id-dejta li għandha tinħażen fil-livell nazzjonali dwar iċ-ċittadini tal-UE li nstabu ħatja u dwar TCN li nstabu ħatja ma għandhiex tiġi kklassifikata b'mod differenti, billi l-istess sistema li teżisti attwalment għaċ-ċittadini tal-UE tiġi estiża (pereżempju "dejta fakultattiva", "dejta addizzjonali") għat-TCN ukoll;

4) L-użu tas-sistema ta' filtru indiċi għandu jkun limitat biss għal dejta personali tat-TCN, kategorija ta' persuni li ma għandhiex tinkludi ċittadini tal-UE li għandhom ukoll ċittadinanza ta' pajjiż terz.

([1]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) fl-Applikazzjoni tal-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33).

([3]) Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Proposta, p. 3.

([4]) Opinjoni tal-KEPD dwar il-Proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri tal-informazzjoni meħuda mill-kondotta kriminali (COM(2005) 690 finali) (ĠU C 313, 20.12.2006, p. 26, para 15 u 18).

([5]) "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà" — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-28 ta' April 2015, COM(2015) 185 finali.

39. Barra minn hekk, il-KEPD iressaq ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin li jistgħu jsaħħu l-protezzjoni ta' dejta personali pproċessata għall-finijiet tal-ECRIS-TCN:

1) Il-Preambolu tal-Proposta għandu jinkludi referenza għad-DPD, li tiċċara r-relazzjoni bejn l-istrumenti;

2) Għandhom jiġu pprovduti aktar salvagwardji għall-ipproċessar tal-marki tas-swaba' fl-Atti Implimentattivi li għandhom jiġu proposti mill-Kummissjoni, dwar il-proċess tar-reġistrazzjoni, b'enfasi fuq il-livell ta' preċiżjoni u l-istabbiliment ta' proċedura ta' rimedju;

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2016.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Regolament propost dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta**

*[It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u l-Ġermaniż fuq is-sit web tal-KEPD www.edps.europa.eu]*

(2016/C 186/06)

**Sommarju Eżekuttiv**

L-Ewropa llum hija affaċċjata bi kriżi ta' migrazzjoni urġenti u b'żieda ta' theddid terroristiku. Għalhekk, l-UE trid issaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha. F'dan il-kuntest, ir-Regolament propost dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta jimmira li jistabbilixxi prinċipji ġenerali tal-ġestjoni intergrata tal-fruntieri Ewropea u se jsaħħaħ il-mandat tal-aġenzija Frontex.

Il-KEPD jirrikonoxxi l-ħtieġa għal ġestjoni aktar effettiva tal-migrazzjoni u għar-rinfurzar tas-sigurtà interna, u dan jeħtieġ l-ipproċessar ta' data personali. Madanakollu, il-Proposta tal-Kummissjoni tista' toħloq ukoll intrużjoni serja fid-drittijiet tal-migranti u tar-refuġjati, grupp vulnerabbli ta' nies bi bżonn partikolari għall-protezzjoni.

Din l-Opinjoni tindirizza l-ħames tħassibiet ewlenin tal-protezzjoni tad-data u titlob għal aktar titjib tat-test propost biex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data. Il-KEPD iqis li din il-konformità se tkun kruċjali għas-suċċess tal-inizjattiva u għall-abilità tagħha li tiflaħ għall-iskrutinju legali. Aħna nirrakkomandaw b'mod speċifiku:

— fuq l-iskopijiet tal-Proposta, valutazzjonijiet separati tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri biex jiġu ssodisfati ż-żewġ miri identifikati ta' migrazzjoni u sigurtà, filwaqt li jiġi nnutat li l-miri sejrin jiġġeneraw l-applikazzjoni ta' regoli tal-protezzjoni tad-data differenti;

— fuq il-ġbir tad-data personali, kjarifika tal-iskala u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar mill-Aġenzija, peress li l-Proposta attwali timplika li l-Aġenzija l-ġdida se tinbidel f'hub ta' data personali fejn ikun hemm ammonti massivi ta' informazzjoni personali;

— delineazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-Aġenzija l-ġdida u l-Istati Membri tal-UE sabiex ma jkun hemm l-ebda sfukar tal-kontabilità fl-obbligi tal-protezzjoni tad-data ta' kull kontrollur;

— kjarifiki fuq it-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li dawn it-trasferimenti għandhom ikunu bbażati jew fuq valutazzjoni tal-adegwatezza jew fuq l-użu ta' salvagwardji xierqa;

— fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-migranti u tar-refuġjati, garanziji fuq il-bażi li l-migranti u r-refuġjati jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom b'mod li jkunu jistgħu jifhmu u jeżerċitaw dawk id-drittijiet b'mod raġonevoli.

B'mod ġenerali, l-Aġenzija l-ġdida għandha tkun mgħammra b'mod suffiċjenti u kapaċi twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha għall-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data u tissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet tal-individwi li għalihom tirrelata d-data personali li tkun qed tiġi pproċessata.

## 1. Kuntest tal-Proposta

1. Fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ħarġet sett ta' miżuri importanti magħruf aħjar bħala l-"Pakkett tal-Fruntieri" (Borders Package) ([1]), bl-għan li ssaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea u tipproteġi b'mod aħjar iż-żona Schengen. L-inizjattiva ewlenija ta' dan il-pakkett hija l-Proposta għal regolament li jistabbilixxi Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta ([2]) (minn hawn 'l quddiem "il-Proposta"), li jipprevedi għall-prinċipji ġenerali

([1]) Il-Pakkett tal-Fruntieri jinkludi b'kollox 13-il dokument leġiżlattiv: proposta biex tiġi stabbilita l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta akkumpanjata minn Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, proposta biex jiġi emendat il-Kodiċi ta' Fruntieri ta' Schengen biex jiġu introdotti kontrolli sistematiċi obbligatorji fuq ċittadini tal-UE li jidħlu u jħallu l-UE, proposta biex jiġi stabbilit dokument tal-ivvjaġġar Ewropew għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, Manwal Prattiku għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri, Rapport tal-Progress dwar l-implimentazzjoni tal-hotspots fil-Greċja, Rapport tal-Progress dwar l-implimentazzjoni tal-hotspots fl-Italja, proposta għal sospensjoni temporanja tal-obbligi tal-Iżvezja taħt il-mekkaniżmu tar-rilokazzjoni tal-UE, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal skema volontarja ta' ammissjoni umanitarja mat-Turkija, Rapport dwar is-segwitu għal-Laqgħa tal-Mexxejja dwar il-fluss tar-refuġjati tul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent, proposta biex jiġi emendat l-att li jistabbillixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u proposta biex jiġi emendat l-att tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. Id-dokumenti kollha huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/securing-eu-borders/index_en.htm

([2]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (COM(2015) 671 final).

tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u li huwa segwitu għall-Aġenda tal-Kummissjoni stess dwar il-migrazzjoni ([1]) u sa ċertu punt għall-Aġenda tagħha dwar is-Sigurtà ([2]), it-tnejn imressqa qabel fir-Rebbiegħa tal-2015.

2. Fis-17 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill Ewropew sejjaħ għal adozzjoni rapida tal-Proposta u talab lill-Kunsill tal-UE biex jintlaħaq ftehim politiku qabel it-terminu tal-Presidenza attwali ([3]). Il-koleġiżlaturi aċċelleraw id-deliberazzjonijiet tagħhom dwar il-Proposta. Il-Presidenza Netherlandiża għandha l-intenzjoni li tissodisfa l-iskadenza mitluba ([4]), filwaqt li l-Parlament Ewropew skeda b'mod tentattiv seduta plenarja biex jiskrutinizza l-Proposta fil-bidu ta' Ġunju ([5]).

3. Il-KEPD jirrikonoxxi l-kriżi tal-migrazzjoni u t-theddid terrositiku li llum il-ġurnata qed tiffaċċja l-UE, u l-importanza li jittieħdu miżuri rapidi u sinifikanti sabiex tingħeleb din is-sitwazzjoni fil-livell tal-UE. Hu jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea li tirreaġixxi malajr għall-iżvilupp ta' każijiet attwali. Madankollu, huwa l-irwol tal-KEPD li jfakkar l-importanza li jiġi rispettat id-dritt fundamentali tal-protezzjoni tad-data u li jagħti pariri dwar modi aħjar biex jiġu inklużi salvagwardji tal-protezzjoni tad-data f'miżuri leġiżlattivi ġodda, fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([6]) (minn hawn 'il quddiem "il-Karta") u l-Artikolu 16 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Aħna jiddispjaċina li l-aġenda msemmija hawn fuq ma ppermettietx għall-konsultazzjoni tal-KEPD fi stadju aktar bikri tal-proċess leġiżlattiv.

4. F'din l-Opinjoni, il-KEPD identifika ħames oqsma ewlenin ta' tħassib li jeħtieġu aktar titjib tat-test propost sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-qafas tal-protezzjoni tad-data. Huwa se jiffoka l-kummenti tiegħu fuq l-iskopijiet ta' din il-Proposta, il-ġbir tad-data personali, ir-responsabbiltà għall-ipproċessar tad-data personali, it-trasferimenti tad-data personali lejn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-migranti u r-refuġjati. Fl-aħħar huwa sejjer jenfasizza l-aspetti tal-Proposta fejn huma meħtieġa kjarifiki importanti.

## 8. **Konklużjoni**

Il-KEPD jilqa' diversi aspetti tal-Proposta, speċjalment il-fatt li xi salvagwardji ġew inklużi fit-test, pereżempju sabiex jiġu limitati l-perjodi taż-żamma tad-data. Madankollu, meta jitqies l-impatt tal-interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-migranti u r-refuġjati, il-KEPD iqis b'mod aktar ġenerali li għandha titwettaq valutazzjoni separata tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-attivitajiet tal-ipproċessar previsti għal kull skop tal-Proposta. Il-kompatibilità bejn l-iskopijiet differenti għall-ipproċessar previsti fl-Artikolu 45(1) tal-Proposta għandha tiġi vverifikata wkoll.

Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data, il-KEPD jirrakkomanda, b'mod partikolari, li t-titjib u l-kjarifiki li ġejjin jiġu introdotti fit-test finali tal-inizjattiva:

— L-ispeċifikazzjoni u l-limitazzjoni tal-iskop

  — li ż-żewġ skopijiet segwiti mill-Proposta fit-test kollu jiġu dettaljati b'mod aktar espliċitu u b'mod separat;

  — li tiġi żgurata l-kompatibilità fil-mod ta' kif id-data tiġi proċessata u ssir referenza espliċita għall-kompatibilità tal-iskopijiet fl-Artikolu 45(1);

  — li l-Artikolu 45(3) jerġa' jiġi mfassal sabiex jiġi pprojbit b'mod espliċitu li d-data personali miżmuma tkompli tiġi proċessata għal skopijiet oħra għajr dawk iddefiniti fl-Artikolu 45(1);

([1]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", Brussell, 13 ta' Mejju 2015, COM(2015) 240 final; f'dak iż-żmien, il-Kummissjoni diġà kienet identifikat li: *"Iż-żieda fl-azzjoni fil-Mediterran tesponi r-realtà li l-ġestjoni tal-fruntieri esterni qed issir dejjem aktar responsabbiltà kondiviża. Minbarra Sistema Ewropea ta' Gwardji tal-Fruntiera, dan ikopri approċċ ġdid għal funzjonijiet tal-gwardjakosta fl-UE, li jħares lejn inizjattivi bħall-kondiviżjoni tal-assi, l-eżerċizzji konġunti u l-użu doppju tar-riżorsi kif ukoll il-possibbiltà li wieħed jimxi lejn Gwardjakosta Ewropea."*

([2]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà", Stasburgu, 28 ta' April 2015, COM(2015) 185 final.

([3]) Ara l-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u tat-18 ta' Diċembru 2015 disponibbli fuq: http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-28-2015-INIT/en/pdf

([4]) Ara r-riżultati ewlenin tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-25 ta' Frar 2016 disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill fuq: http://www.consilium.europa.eu/en/meetings/jha/2016/02/25/

([5]) Ara l-paġna web dedikata għall-fajl dwar L-Osservatorju Leġiżlattiv tal-Parlament Ewropew: http://www.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?lang=&reference=2015/0310(COD)

([6]) Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1).

— Responsabbiltajiet tal-Aġenzija

— li tiċċara l-firxa tal-attivitajiet tal-ipproċessar mill-Aġenzija fuq id-data personali miġbura matul operazzjonijiet konġunti u kompiti operazzjonali oħrajn, billi telenka b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 46 il-kategoriji tad-data li jistgħu jintużaw u/jew jgħaddu mill-Aġenzija;

— li tevita l-ambigwità fir-rigward tar-responsabbiltà għall-attivitajiet ta' pproċessar u l-konformità bejn l-Aġenziji, l-Istat Membru ospitanti u l-Istati Membri tal-lokal fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti;

— li tiċċara fl-Artikolu 46 f'liema ċirkostanzi d-data miġbura fil-fruntiera mill-Istati Membri se tiġi trażmessa lill-Aġenzija, b'hekk tiskatta r-responsabbiltà tagħha bħala kontrollur;

— Kwalità u sigurtà tad-data

— li jiġi ċċarat l-Artikolu 46(1)(c) biex b'hekk ma jiġix interpretat bħala awtorizzazzjoni ġenerali biex tinġabar data bħal din irrispettivament mill-kategoriji tal-persuni definiti fl-Artikolu 46(1)(a) u (b);

— li tiġi definita b'mod ċar ir-responsabbiltà għas-sigurtà tat-tagħmir użat mill-EBCG msemmi fl-Artikoli 37 u 38 fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir;

— Trasferimenti

— li jsiru referenzi għal organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Artikolu 44(4) fir-rigward tal-projbizzjoni li tiġi trasferita data personali, u li l-Artikolu 51(4) jinġieb f'konformità;

— li l-Artikolu 51 jiġi ċċarat billi jitfassal mill-ġdid ir-4 paragrafu tiegħu u billi jinqasam f'żewġ dispożizzjonijiet sabiex tiġi indirizzata l-kooperazzjoni tal-entitajiet fi ħdan l-UE u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali b'mod separat;

— Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data

— li fl-Artikolu 72 jiġi speċifikat li d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data u l-ilmenti relatati sejrin jiġu indirizzati b'mod separat mill-UPD;

— li jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta lis-suġġetti tad-data f'dan il-kuntest tingħata b'mod adatt skont l-età, bl-użu ta' lingwa ċara u sempliċi u tiġi evitata terminoloġija legali;

— li jiġu inklużi awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data fil-lista tal-awtoritajiet imsemmija previsti bl-Artikolu 15(3), l);

— li titneħħa l-possibbiltà li l-uffiċjali ta' kollegament jaċċessaw sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u Ewropej mill-Artikolu 11(4) jekk evidenza li turi dan il-bżonn ma tkunx provduta.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

Giovanni BUTTARELLI

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8024 — NTT Data International/IT Services Business of Dell)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 186/07)

1. Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża NTT Data International L.L.C. ("NTT Data", l-Istati Uniti), li tappartjeni għall-grupp NTT, takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Dell Services, li huwa n-negozju tas-servizzi ta' teknoliġija informatika ta' Dell Inc. ("Dell", l-Istati Uniti) u ċerti sussidjarji tagħha, permezz tax-xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal NTT Data: NTT Data hija sussidjarja ta' Nippon Telegraph and Telephone Corporation (il-Ġappun), kumpanija tat-telekomunikazzjoni,

— għal Dell Services: Dell Services tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi tal-IT u servizzi ta' negozju, inkluż l-infrastruttura, il-cloud, applikazzjonijiet u servizzi ta' proċess kummerċjali lil klijenti kummerċjali u governattivi minn Dell.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'din in-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.8024 — NTT Data International/IT Services Business of Dell, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8048 — Ardagh/Ball Rexam Divestment Business)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 186/08)

1. Fit-18 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Ardagh SA ("Ardagh", il-Lussemburgu) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' assi divestiti minn Ball Corporation biex takkwista approvazzjoni regolatorju għall-akkwist tagħha ta' Rexam PPLC ("the Ball/Rexam Divestment Business"), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Ardagh: il-produzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' ppakkjar riġidu għall-industriji tal-ikel, ix-xorb, u l-prodotti għall-konsumatur,

— għal Ball/Rexam Divestment Business: il-manifattura ta' bottijiet tax-xorb minerali. Fiż-ŻEE, il-Ball/Rexam Divestment Business jikkonsisti minn tmien impjanti tal-manifattura ta' bottijiet tax-xorb minerali Ball, żewġ impjanti terminali Ball, żewġ impjanti tal-manifattura tal-bottijiet tax-xorb minerali Rexam u ċerti faċilitajiet ta' appoġġ u innovazzjoni fil-Ġermanja u fir-Renju Unit. Il-Ball/Rexam Divestment Business jinkludi wkoll assi barra miż-ŻEE, speċjalment fl-Istati Uniti u fil-Brażil.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks +32 22964301) jew bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.8048 — Ardagh/Ball Rexam Divestment Business, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2016/C 186/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]).

DOKUMENT UNIKU

**"SICILIA"**

**Nru tal-KE: IT-IGP-0005-01305 – 29.1.2015**

**DOP ( ) IĠP ( X )**

1. **Isem**

"Sicilia"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1*

Meta tkun qed tiġi ppakkjata l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sicilia", din irid ikollha l-karatteristiċi li ġejjin:

Valutazzzjoni kimikofiżika

Aċidità (espressa bħala aċidu olejku): mhux aktar minn 0,5 %;

Indiċi tal-perossidu: ≤ 12 $mEqO_2$/kg;

Total ta' polifenoli: ≥ 100 mg/kg

Valutazzjoni Organolettika (Metodu COI):

Il-prodott hu karatterizzat minn togħma partikolari ta' frott u minn attributi organolettiċi ta' ħaxix, tadam u qaqoċċ li minkejja li l-intensità tagħhom tvarja skont il-fatturi tal-ħamrija, tal-klima, fatturi agronimiċi u teknoloġiċi, bl-espressjoni tagħhom wieħed jagħraf minnufih iż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia".

| Firxa tal-medjan | L-inqas | L-ogħla |
|---|---|---|
| Togħma ta' frott taż-żebbuġ misjur | ≥ 2 | ≤ 8 |
| Togħma ta' frott taż-żebbuġ aħdar | ≥ 2 | ≤ 8 |
| Ħaxix u/jew tadam u/jew qaqoċċ | > 2 | ≤ 8 |

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

| Firxa tal-medjan | L-inqas | L-ogħla |
|---|---|---|
| Morr | > 2 | ≤ 7 |
| Pikkanti | > 2 | ≤ 8 |

Iż-żejt "Sicilia" għandu profil sensorjali kkaratterizzat minn irwejjaħ olfattivi diretti u indiretti (xamm u togħma) assoċjati mas-sensazzjoni tat-"tadam (weraq, frott aħdar jew misjur)" u tal-"qaqoċċ" li jistgħu jiġu identifikati waħedhom jew flimkien. Barra minn hekk, tista' tgħid li dejjem tiġi assoċjata riħa ta' "ħaxix frisk".

Partikolarità tipika oħra taż-żejt "Sicilia" għandha x'taqsam mal-fatt li jagħmel parti mill-kategorija taż-"żjut b'togħma ta' frott", li kważi dejjem tista' tiġi kategorizzata bejn togħma ta' frott medja u qawwija, li madankollu toħloq armonija fl-irwejjaħ tal-attributi pożittivi bħall-morr u l-pikkanti.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu fil-Mediterran, matul is-snin ir-reġjun ta' Sqallija għadda minn taħt ħafna ħakmiet li influwenzawh b'modi differenti (fin-natura kulturali, arkitettonika, reliġjuża, alimentari, eċċ.). B'mod partikolari, is-settur tat-tkabbir taż-żebbuġ huwa simboliku ta' dan il-proċess twil ta' arrikkiment tal-kulturi, tat-tekniki tal-kultivazzjoni u tal-bijodiversità tal-varjetajiet. Bis-saħħa ta' dawn il-kundizzjonijiet ir-Reġjun ta' Sqallija sar għani kemm fl-għadd tal-varjetajiet ikkultivati kif ukoll fit-tekniki tal-kultivazzjoni li jintużaw, li kkontribwew biex inħoloq profil uniku tat-tkabbir taż-żebbuġ u tal-produzzjoni taż-żejt li ma jista' jiġi riprodott imkien iktar.

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sicilia" trid tinkiseb minn dawn il-kultivari taż-żebbuġ, waħedhom jew b'mod konġunt fl-imsaġar taż-żebbuġ li jinqasmu b'dan il-mod skont ordni ta' importanza u ta' rappreżentattività:

Kultivari rappreżentati l-aktar:

Biancolilla, Cerasuola, Moresca, Nocellara del Belice, Nocellara Etnea, Ogliarola Messinese u Tonda Iblea.

Kultivari minuri:

Aitana, Bottone di gallo, Brandofino, Calatina, Cavalieri, Crastu, Erbano, Giarraffa, Lumiaru, Marmorigna, Minuta, Nasitana, Nerba, Nocellara messinese, Olivo di Mandanici, Piricuddara, Santagatese, Vaddarica, Verdello, Verdese, Zaituna u sinonimi tagħhom. Jistgħu jintużaw kultivari oħrajn preżenti fl-imsaġar taż-żebbuġ sa massimu ta' 10 %. Jekk aktar minn 10 % tal-kultivari l-oħrajn fl-azjenda agrikola jkunu ta' varjetà oħra, iż-żoni tat-tkabbir taż-żebbuġ ma jistgħux jiġu rreġistrati fis-sistema tal-monitoraġġ tal-IĠP "Sicilia".

Il-kultivari ewlenin ikopru aktar mill-85 % taż-żona tat-tkabbir taż-żebbuġ tar-reġjun.

Iż-żejt li jista' jsir mill-kultivari kollha msemmija iktar 'il fuq, użati waħedhom jew b'mod konġunt, diġà jippreżenta l-profil organolettiku deskritt fit-Taqsima 3.2, u l-konsumatur medju kapaċi jagħrfu faċilment mill-karatteristiċi olfattivi u tat-togħmiet, li huma ddefiniti b'medda medja-għolja ta' perċezzjoni b'rabta mal-perċezzjoni tal-irwejjaħ imsemmija iktar 'il fuq tat-"tadam aħdar jew misjur", tal-"qaqoċċ" u tal-"ħaxix frisk".

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-passi kollha tal-proċess tal-produzzjoni: il-kultivazzjoni, il-ħsad u t-teħid taż-żejt iridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*

Il-ħżin u l-ippakkjar taż-żejt taż-żebbuġa staverġni IĠP "Sicilia" jridu jsiru fiż-żona tal-produzzjoni ddefinita fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Minbarra r-raġunijiet evidenti tan-nuqqas ta' kontinwità minn mal-kontinent Ewropew, dan isir biex waqt it-trasport jiġi evitat li l-prodott ikun espost għall-fatturi kimikofiżiċi li jafu jwasslu għal tnaqqis fl-istabbilità tal-ossidazzjoni, u b'hekk il-proprjetajiet kwalitattivi jiddeterjoraw, b'mod partikolari l-polifenoli li huma waħda mill-karatteristiċi li jiddistingwu ż-żejt taż-żebbuġa staverġni IĠP "Sicilia". Barra minn hekk, fi Sqallija hemm netwerk ta' 251 azjenda li jibbottiljaw/jippakkjaw (dejta tal-Agea 2013), mifruxa sew fuq it-territorju kollu tal-gżira u bis-saħħa tal-esperjenza u l-għarfien tagħhom li kisbu matul iż-żmien, dawn jiżguraw li jinżammu l-indikaturi kwalitattivi. L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sicilia" trid tintbagħat għall-konsum f'kontenituri xierqa li ma jesgħux iktar minn 5 litri.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Mal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sicilia" ma tista' tiżdied l-ebda deskrizzjoni li ma tkunx prevista b'mod espliċitu f'din l-ispeċifikazzjoni tal-prodott, inklużi dawn l-aġġettivi li ġejjin: "fine" (fin), "scelto" (magħżul), "selezionato" (selezzjonat), "superiore" (superjuri). Jistgħu jidhru wkoll referenzi li jistgħu jiġu verifikati u li jiddeskrivu l-metodi tal-produtturi individwali, pereżempju: "monovarietale" (varjetà unika) segwita b'isem il-kultivar użat, "raccolto a mano" (maqtugħ bl-idejn), eċċ. Huwa permess l-użu onest ta' ismijiet, ismijiet tal-azjendi, ditti privati sakemm dawn ma jkollhomx sinifikat ta' tfaħħir u ma jkunux b'mod li jservu biex iqarrqu l-konsumatur. L-isem ta' azjendi, proprjetajiet u rziezet jista' jiġi indikat biss jekk il-prodott ikun inkiseb għalkollox minn żebbuġ maqtugħ mill-imsaġar taż-żebbuġ li jagħmlu parti mill-azjenda. Tista' ssir referenza għall-ippakkjar f'azjenda tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ jew fl-assoċjazzjoni ta' azjendi tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ jew fl-impriża li tinsab fiż-żona tal-produzzjoni biss jekk l-ippakkjar ikun seħħ fl-istess azjenda. Mhux permess l-użu ta' indikazzjonijiet ġeografiċi oħra. L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Sicilia", trid tidher fuq it-tikketta b'karattri ċari u li ma jitħassrux u b'hekk tkun distinta mill-informazzjoni l-oħra pprovduta. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni trid tirrispetta r-regoli tat-tikkettar previsti fil-leġiżlazzjoni eżistenti. Is-sena li fiha jkun ġie prodott iż-żebbuġ li minnu sar iż-żejt għandha tiġi indikata fuq it-tikketta.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Iż-żona tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" tkopri t-terrtorju amministrattiv kollu tar-reġjun ta' Sqallija.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Il-pożizzjoni ġeografika partikolari ta' Sqallija toħloq il-kundizzjonijiet naturali li bihom jiġi prodott iż-żejt taż-żebbuġa straverġni bil-karatteristiċi kimikofiżiċi u organolettiċi partikolari deskritti fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

B'rabta mal-bijodiversità, in-nuqqas ta' kontinwità tat-territorju mal-kontinent Ewropew ħoloq medda unika ta' varjetajiet għal din l-ispeċi li hija distinta miż-żoni l-oħrajn fejn jitkabbar iż-żebbuġ.

Il-profil organolettiku taż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" huwa ddetermiant mill-fatturi tal-klima, tal-ħamrija u dawk tal-bniedem, li jintrabtu sew mat-territorju.

Din ir-rabta bejn it-territorju, iż-żebbuġ u l-kultura ta' Sqallija ħolqot prodott li r-reputazzjoni tiegħu hija magħrufa permezz ta' diversi rikonoxximenti mogħtija mill-esperti fil-qasam u mill-konsumaturi taż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia".

Ta' min jinnota li l-leġiżlazzjoni tiċħad il-possibiltà li l-produtturi taż-żejt jużaw referenzi ġeografiċi fuq it-tikketta, u dawn jeħlu multi kbar jekk jagħmlu hekk, u dan kellu effett deterrent qawwi fejn jidħlu r-referenzi għall-isem f'avvenimenti promozzjonali, inklużi s-siti web.

Iżda minkejja dan ta' hawn fuq, din ir-rabta bejn it-territorju, iż-żebbuġ u l-kultura ta' Sqallija ħolqot prodott li r-reputazzjoni tiegħu hija magħrufa permezz ta' diversi rikonoxximenti mogħtija mill-esperti fil-qasam u mill-konsumaturi taż-żejt taż-żebbuġa straverġni li jsir fi Sqallija.

F'dawn l-aħħar deċenni, l-impriżi li jipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia" kisbu għadd kbir ta' rikonoxximenti f'kull kompetizzjoni internazzjonali ewlenija tal-produzzjoni taż-żebbuġ:

l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju fil-konkors Orciolo d'Oro f'kull kategorja jew tal-inqas f'waħda mill-kategoriji delikat, medju jew qawwi, fil-biċċa l-kbira fil-kategoriji medju u qawwi fl-1997, fl-1998, fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004, fl-2005, fl-2006, fl-2007, fl-2008, fl-2012, l-ewwel u t-tieni premju fl-2009 u fl-2010, it-tielet premju fl-2011, l-ewwel premju fl-2013.

fil-konkors Sol D'Oro kisbu is-Sol D'Oro fl-2009, fl-2010, fl-2011, u s-Sol D'Argento fl-2009, fl-2012 u fl-2013. Is-Sol dio Bronzo fl-2010, fl-2011, fl-2012, u fl-2013.

fil-konkors Sirena D'Oro ta' Sorrento kisbu l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju fl-2003, fl-2004, fl-2005, fl-2006, u t-tieni u t-tielet premju fi snin oħra.

fil-konkors Leon D'Oro tal-2007 l-azjendi li jipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia" rebħu l-ewwel, it-tieni u t-tielet premju fl-2010 u fl-2012 rebħu l-ewwel premju.

Mill-1996 sal-lum, iż-żejt "Sicilia" rebaħ l-ewwel premju fit-tliet kategoriji għal 15-il darba fil-Premio Montiferru, kif ukoll diversi drabi rebaħ it-tieni u t-tielet premju.

Din ir-reputazzjoni hija r-riżultat tal-valur materjali tal-prodott (il-karatteristiċi kimikofiżiċi u organolettiċi) u tal-perċezzjoni tal-valur intanġibbli tiegħu li nħolqot tul iż-żmien fl-istorja twila ċentenarji sħaħ tas-siġar taż-żebbuġ u taż-żejt fi Sqallija.

Anki dokumenti storiċi jixhdu r-reputazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia", li juru li għadd ta' produtturi taż-żejt enfasizzaw il-ħtieġa li l-oriġini Sqallija tal-prodott tagħhom tkun speċifikata fuq it-tikketta.

Qabel l-1992 inġabru għadd ta' fatturi tal-bejgħ bl-indikazzjoni "Sicilia" fl-1988, u fl-1989. Xi fatturi mmirati lejn is-suq estern huma marbutin mal-1996 mal-2000.

Barra minn hekk, ir-referenza għad-denominazzjoni hija evidenti anki mill-pubblikazzjoni tal-Katalgu taż-żjut ta' Sqallija fl-edizzjonijiet mill-1997 sal-2009.

Id-dokumenti jinkludu wkoll għadd ta' tikketti bil-kitba "Sicilia" minn fliexken taż-żejt ippakkjati u ttikkettati f'pajjiżi oħra li mhumiex l-Italja (Carluccio's London – Olio *extra* vergine d'oliva – Sicilia), diversi tikketti għal Agata & Valentina Extra Virgin Sicilian Olive Oil distribwiti fl-USA u Trader Giotto's, li jsemmi l-isem "Sicilia", tikketti mill-Oleifici Barbera bl-indikazzjoni tad-denominazzjoni "Sicilia" għas-swieq esterni, kif ukoll tikketti tal-kumpanija EFFe1 srl li jinkludu l-indikazzjoni "Sicilia".

Matul iż-żmien, il-kwalità tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa straverġni "Sicilia" żdiedet u hekk ukoll ir-reputazzjoni tiegħu f'ħafna swieq. Dan ifisser li ż-żejt huwa fil-mira li jiġi ffalsifikat, li jikkawża telf finanzjarju serju.

Skont il-klassifikazzjoni makroklimatika ta' Köppen, iż-żona tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" tista' tkun iddefinita li għandha klima moderata u umda (tat-tip C) fejn il-medja tat-temperaturi tal-iktar xahar kiesaħ tkun inqas minn 18-il grad °C, iżda ogħla minn -3 °C, jew aħjar minn hemm klima mesotermika umda subtropikali, bi sjuf xotti (tat-tip Csa), ngħidu aħna l-klima tipika tal-Mediterran, fejn it-temperatura medja tal-iktar xahar sħun tkun ogħla minn 22 °C u b'xejriet ta' nżul tax-xita kkonċentrat fil-perjodu l-kiesaħ (ħarifa/xitwa).

Il-klima tal-Mediterran (Cs) hija l-inqas estiża fost il-klimi moderati, u fil-każ ta' Sqallija jidhru ħafna karatteristiċi li jaffettwaw ġmielu l-kompożizzjoni kimika u b'mod partikolari dik organolettika taż-żejt taż-żebbuġa straverġni; li jagħmluh differenti ħafna miż-żejt li jiġi prodott fiż-żoni ġeografiċi fil-qrib, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjon tal-aċidi xaħmin monoinsaturati u poliinsaturati (MUFAs/PUFAs) u l-kwalità tal-bijofenoli u l-komposti aromatiċi volatili (l-alkoħol, l-aldeidi u l-esteri).

Il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" huma wkoll ir-riżultat tar-radjazzjoni tax-xemx, tat-temperatura, tal-umdità u tar-riħ li jinfluwenzaw sew il-fiżjoloġija tas-siġra taż-żebbuġ u jaffettwaw il-fażijiet tar-raqda tax-xtieli u ta' meta jerġa' jikber il-ħaxix kif ukoll kull fażi oħra tal-iżvilupp fenoloġiku (l-anteżi, ir-rimja u l-iżvilupp tal-frott, il-fażi li fiha ż-żebbuġ jieħu l-kulur, il-maturazzjoni). Il-kwantità tar-radjazzjoni tax-xemx utli għall-fotosinteżi (PAR) ta' din iż-żona tal-Mediterran tiddetermina l-kundizzjonijiet biex tinġabar bijomassa akbar fl-organi differenti tal-pjanta li, flimkien mad-disponibbiltà limitata tal-ilma u max-xejriet termiċi moderati, twassal għal żieda fil-kontenut tat-total ta' bijofenoli u, fuq kollox ta' sustanzi fenoliċi speċifiċi, u ta' prekursuri oħra ta' komposti li wara se jiffurmaw l-aroma taż-żejt. Id-disponibbiltà limitata tal-ilma u l-kundizzjonijiet klimatiċi superjuri kollha deskritti hawn, li jiddeskrivu l-karattru tal-gżira, huma lkoll responsabbli għall-preżenza kostanti tal-attributi morri u pikkanti, li għaż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" l-valuri medjani tagħhom huma ogħla minn 2, u madankollu huma valuri li jikklassifikaw liż-żejt fil-kategoriji tal-qawwi jew tal-medju. Il-fatturi tal-ħamrija u tal-klima deskritti hawn fuq jaffettwaw mhux biss ir-rata ta' tkabbir tal-għelejjel (CGR) marbuta mal-fotosinteżi (il-kwantità tar-radjazzjoni tax-xemx, iż-żona u l-istruttura tal-weraq), iżda wkoll il-proċessi respiratorji taċ-ċelloli tal-pjanta, u l-passaġġi metaboliċi li jiġġeneraw firxa wiesgħa ta' metaboliti tal-pjanti: amminoaċidi, lipidi u komposti relatati, isoprenojdi (pereżempju: terpeni, inkluż l-iskwalin, il-mentol u l-limonin, li lill-pjanti, lill-fjuri u lill-frott jagħtuhom ir-riħa karatteristika tagħhom u l-prekursuri bijosintetiċi tal-isteroli) u l-porfirin (assoċjat mal-klorofilla u l-fotosinteżi).

Il-profil deskritt fit-taqsima 3.2 jiddefinixxi l-karattru uniku taż-żejt taż-żebbuġa straverġni IĠP "Sicilia" u dan jidher b'mod sistematiku mill-preżenza kontinwa tal-aroma tat-tadam aħdar, tal-qaqoċċ, u tal-ħaxix frisk, li l-manifestazzjoni tagħha hija megħjuna mill-kundizzjonijiet klimatiċi msemmija hawn fuq, kif ukoll mill-karatteristiċi organolettiċi li jiġu assoċjati dejjem mal-kultivari l-kbar imsemmija fit-taqsima 3.3.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-Internet li ġej: http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

Jew

billi żżur il-paġna uffiċjali tal-Ministeru tal-Politika Agrikola, Alimentari u l-Forestrija (www.politicheagricole.it) u tagħfas fuq "Prodotti DOP IGP" (fin-naħa ta' fuq fil-lemin tal-iskrin), u wara fuq "Prodotti DOP IGP STG" (fil-ġenb, fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin) u fl-aħħar tagħfas fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT